# SANTA LUĊIJA FOSTNA

minn Victor John Galea

(l-Awtur iżomm id-dritt li xejn minn dan l-artiklu ma jista jkun ippublikat jew imxandar)

# SANTA LUĊIJA TAN-NAXXAR

Il-knisja ta' Santa Luċija tan-Naxxar tmiss ma' oħra tal-Vitorja mniffda magħha. Tilħaqha jekk mill-pjazza tar-raħal taqbad Triq Santa Luċija. Il-qedem ta' din it-triq joħroġ mill-għadd kbir ta'sqaqien li għandha, mill-pjazza sal-knisja ta'San Ġwann, dawra ta' sittax b'kollox. Dit-triq, mal-inħawi ta'Triq San Ġwann li tissoktha magħha f'tarf minnhom u Triq Castro li mill-pjazza tieħu għal Ħal Għargħur, kollha mimlija sqaqien, huma l-qalba tar-raħal il-qadim.

Billi l-knisja hi tewmija ma' tal-Vitorja li tmiss magħha, barra li għandhom kampnar wieħed sabiħ bejniethom, għandhom ukoll zuntier wieħed. Il-knisja ta' Santa Luċija qiegħed fuq il-lemin ta' min iħares quddiem it-taraġ li titla' minnu għaz-zuntier. Fil-faċċata għandhom żewġ fjakkli, waħda fil-kantuniera ta' Santa Luċija u l-oħra fuq tal-Vitorja.

Dawn l-kappelli, imma kellhom frontispizju għalihom. Kien fil-bidu tal-għoxrin seklu li bidluhom u ġew bħal xulxin. Biss il-kolonni tal-bibien m'humiex l-istess, ta' Santa Luċija jolqtok iktar. Meta Duzzina żarha fl-1575, semma li kienet tmiss ma' knisja ta'Santa Marija. Biss fl-1588 intqal aħjar li kienet tal-Vitorja. Il-knisja kulma kellha kien artal biss. La kellha bieb u lanqas ċangatura u l-artal kien għeri. Dan juri mhux biss il-faqar tar-raħlin, imma jfisser ukoll il-ħerba li kienu għamlu it-Torok għaxar snin qabel. Il-Professur Borg sab li qassis Naxxari kulma kien ħeba qabel ħarab għal kenn tas-swar, issa kien Alla m'għamlu.

Il-poplu fqir xorta kellu devozzjoni qawwija lejn din il-qaddisa, devozzjoni li kien juriha mhux biss għax kien imur bi ħġaru għall-festa , imma bl-għadd kbir ta' quddies li kienu ħallewlha b'radd ta' ħajr talli fejqithom mill-mard ta' ghajnejhom. Barra l-Għasar u l-quddiesa li kien jagħmel nhar il-festa, Majsi Schembri, fuq ir-raba' li kien ħallielu Bertu nannuh, fl-istess inħawi, Indri' Cauchi kien jagħmel quddiesa oħra fil-festa fuq dar li kellu ħdejha. Hekk ukoll il-werrieta ta' Wenzu Ciappara kienu jagħmlu tliet quddisiet oħra fuq l-għalqa li kellhom f'Ta' Lelluxa, filwaqt li l-werrieta ta' Ġanni Schembri kellhom quddiesa fuq lok ta'djar ħdejn il-knisja. Ma' dawn kien hemm Pawlu Fenech, Naxxari, li kien jagħmel quddiesa fuq dar u għalqa li kellu r-raħal. Quddiesa oħra kien jagħmilha Ġużepp Oglia fuq għalqa li kellu Ta' Misluti, laqam li jfakkarna li dari l-irġiel kienu jdendlu ħolqa tad-deheb f'widinthom. Tistgħu taħsbu kemm quddies ma jaqta' xejn kien ikun hemm mill-paternoster fid-dlam ċappa ta' Diċembru 'l quddiem.

Skont il-ktieb fuq in-Naxxar li ħarġu P.Catania u L.G. Schembri fis-sena 2000, fl-1579 issemma li l-inkwatru li kellha kien imdawwar bil-kwadretti tal-mirakli u l-martirju tal-qaddisa, ħaġa li mhi xejn ġdida għan-Naxxarin għax hekk ukoll kellu l-inkwatru ta' Santa Margerita u l-iehor tal-Madonna tar-Rużarju bil-ħmistax-il misterju madwaru. Fl-1615 intqal li fi nkwatru ieħor ma' Santa Luċija kien hemm San Pietru u San Duminku, aktarx għall-ismijiet ta' min ħallas għalih. Jissemma wkoll artal ieħor tat-tobba ta'Kristu, San Qużman u San Damjan, li magħhom daħlu wkoll Santa Luċija u seħbitha Sant' Agata. Dan aktarx sar b'wegħda ta' xi ħadd li kien fieq mill-pesta jew ħeles minnha, inkella fieq mill-ħaġra.

Il-knisja kienet inbniet mill-ġdid wara l-qerrieda tal-Isqof Balaguer li kien għalaq knejjes bla għadd. Il-kampnar li hemm illum, fl-1907 żejnuh bi tlitt iqniepen. Fuq il-kampnar ta' qablu jgħidu storja ħelwa li mhux ta' min iħalliha barra: jgħidu li Pawlu Cuschieri, li kien jogħod fiha, wara li mar Sqallija, minn hemm bagħat qanpiena żgħira għal Santa Luċija biss. Ġiet f' idejn il-purkratur tal-Vitorja li ma ħamilx u qabad u qafilha biex qatt ma tintuża!

